## IT-TAMA NISRANIJA

**L-Ewwel Qari**
**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Ġeremija**
**Ġer 33, 14-16**

Ara, għad jiġu jiem
- kelma tal-Mulej -
meta nġib fuq dar Israel u dar Ġuda
il-ġid li wegħedthom.
F'dawk il jiem u f'dak iż-żmien
intella' min-nisel ta' David rimja tas-sewwa,
bniedem li jagħmel il-ġustizzja u s-sewwa fil-pajjiż.
F'dawk il-jiem Ġuda jkun salv
u Ġerusalem tgħammar fis-sod;
u għalhekk isejħulha,
'Il-Mulej is-sewwa tagħna.'

**Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 24**
**Lejk, Mulej, jiena nerfa' ruħi**

Triqatek, Mulej, urini,
il-mogħdijiet tiegħek għarrafni.
Mexxini fis-sewwa tiegħek u għallimni
għax int Alla tas-salvazzjoni tiegħi.

**R/. Lejk , Mulej, jiena nerfa' ruħi**

Twajjeb u sewwa l-Mulej
għalhekk juri t-triq lill-ħatjin,
imexxi l-imsejknin fis-sewwa,
igħallem triqtu lill-fqajrin.

**R/. Lejk, Mulej, jiena nerfa' ruħi**

Il-mogħdijiet tal-Mulej kollha tjieba u fedelta'
għal dawk li jħarsu l-patt u l-liġijiet tiegħu.
Il-Mulej hu ta' ġewwa ma' min jibża' minnu,
lilhom igħarraf il-patt tiegħu.

**R/. Lejk, Mulej, jiena nerfa' ruħi**

**It-Tieni Qari**
**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu**
**lit-Tessalonkin**

**1 Tess 3, 12-4, 2**

Ħuti: Jalla l-Mulej ikattar u jfawwar fikom l-imħabba tagħkom għal xulxin u lejn kulħadd, l-istess bħalma nħobbu aħna lilkom, ħalli jqawwilkom qalbkom u jkollkom qdusija bla għajb quddiem Alla u Missierna għal meta jiġi Sidna Ġesu' mdawwar bil-qaddisin tiegħu! Fl-aħħarnett, ħuti, intom diġa' tgħallimtu minn għandna kif għandkom timxu biex togħġbu lil Alla, u tabilħaqq, hekk qegħdin iġġibu ruħkom; imma aħna nitolbukom u nħeġġukom fil-Mulej Ġesu' biex tagħmlu xi ħaġa iżjed. Tafu x'tagħlim tajniekom permezz tal-Mulej Ġesu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**Hallelujah**
**Hallelujah. Hallelujah.**
Uri lilna, Mulej, it-tjieba tiegħek
u s-salvazzjoni tiegħek agħtina.
**Hallelujah**

**✠L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa**
**Lq 21, 25-28, 34-36**

F'dak iż-żmien: Ġesu' qal lid-dixxipli tiegħu: 'Ikun hemm sinjali fix-xemx u l-qamar u l-kwiekeb. Fuq l-art, il-ġnus jinħakmu mid-dwejjaq, moħħhom imħawwad bil-ħsejjes kbar tal-baħar u l-imwieġ; in-nies jibdew imutu bil-biża' u bl-istennija ta' kull ma jkun ġej fuq id-dinja, għax is-setgħat tas-smewwiet jitqanqlu. U mbagħad jaraw lil Bin il-Bniedem ġej fuq sħaba b'setgħa u glorja kbira. Meta jibda jseħħ dan kollu, qumu u erfgħu raskom, għax il-fidwa tagħkom hi fil-qrib.
Oqogħdu għassa tagħkom innifiskom, li ma tmorrux tħallu qlubkom jitqalulkom b'ikel u xorb żejjed, jew b'sokor, jew b'ħafna tħassib għall-ħtiġiet tal-ħajja, u li dak il-Jum ma ssibuhx fuqkom għal għarrieda bħal nassa; għax għad jasal lil kull min igħammar fuq wiċċ l-art kollha.
Mela ibqgħu ishru u itolbu l-ħin kollu, biex tkunu tifilħu taħarbu dan kollu li għandu jiġri, u tieqfu bla biża' quddiem Bin il-Bniedem.'

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir lilek Kristu**